

**Brussell, 1 ta' April 2022  
(OR. en)**

**7849/22**

**JAI 437  
FREMP 70  
DROIPEN 44  
COPEN 117  
CADREFIN 46  
INF 41  
JUSTCIV 41**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 118 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-programm 2014 – 2020 dwar id-drittijiet, l-ugwaljanza u ċ-ċittadinanza

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 118 final.

Mehmuż: COM(2022) 118 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.3.2022  
COM(2022) 118 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-programm 2014 – 2020 dwar id-drittijiet, l-  
ugwaljanza u ċ-ċittadinanza**

{SWD(2022) 58 final} - {SWD(2022) 59 final}

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Li jivvaluta l-implimentazzjoni u l-kisbiet tal-programm 2014 – 2020 dwar id-drittijiet, l-ugwaljanza u ċ-ċittadinanza**

Il-programm ta' drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza (“il-programm REC”) kellu l-għan li jiżviluppa ulterjorment Ewropa ta’ drittijiet u ugwaljanza f’konformità mal-Istrateġija Ewropa 2020. Huwa ppromwova l-valuri ewlenin li l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuqhom u kkontribwixxa għall-iżvilupp ulterjuri ta’ qasam fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni, kif minquxin fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, jiġu promossi, protetti u implimentati b’mod effettiv.

Dan ir-rapport jistabbilixxi r-risultati miksubin mill-programm, f’konformità mal-obbligu fl-Artikolu 13.2(c) tal-bażi ġuridika tal-programm<sup>1</sup> (“ir-Regolament”). Ir-Regolament jirrikjedi li, sal-31 ta’ Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea tipprovdi rapport ta’ evalwazzjoni *ex post* għall-programm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dan ir-rapport irid jivvaluta l-impatt fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-programm, bil-ħsieb li jinforma deċiżjoni dwar kwalunkwe programm sussegwenti. Fl-2021, madankollu, għadd konsiderevoli ta’ proġetti (aktar minn 40%) baqgħu għaddejjin minħabba l-ħajja pluriennali tagħhom. Din is-sitwazzjoni ġiet aggravata mill-pandemija tal-COVID-19, li kkawżat l-estensjoni tat-tul ta’ żmien ta’ diversi proġetti. Għalhekk evalwazzjoni komprensiva tar-risultati u l-impatti fit-tul tal-programm tista’ tkun possibbli biss fi stadju aktar tard.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-evalwazzjoni *ex post* se titwettaq f’żewġ partijiet. Dan ir-rapport jirrappreżenta l-ewwel parti tal-evalwazzjoni. Huwa bbażat fuq id-*data* disponibbli bħalissa, jipprovdi ħarsa ġenerali lejn kif jitqassam il-finanzjament u jivvaluta l-kisbiet tal-programm sal-lum. Filwaqt li l-programm dwar iċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri l-ġdid għall-2021-2027 (minn hawn ’il quddiem “il-programm CERV”) diġà ġie adottat, abbażi, fost affarijiet oħra, tar-risultati tal-evalwazzjoni interim tal-programm REC 2014-2020, din l-ewwel parti tal-evalwazzjoni *ex post* tal-programm preċedenti se tixħet dawl fuq oqsma potenzjali għal titjib fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programm CERV il-ġdid.

It-tieni parti tal-evalwazzjoni se titwettaq fi stadju aktar tard ladarba d-*data* finali kollha tkun disponibbli u flimkien mal-evalwazzjoni interim tal-programm CERV sussegwenti. Din it-tieni parti se tivvaluta l-impatti fit-tul u s-sostenibbiltà tal-effetti tal-programm. Hija se tipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid wara l-2027, kif xieraq.

Għalkemm dan ir-rapport janalizza l-programmi ta’ ħidma annwali kollha mill-2014 sal-2020, mhux l-attivitajiet kollha kienu bdew fi żmien din l-evalwazzjoni. Għalhekk, ġiet stabbilita data limitu, il-31/12/2020, sabiex jiġi definit il-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-rapport. It-tieni parti tal-evalwazzjoni *ex post* se ttejjem il-ħarsa ġenerali billi tanalizza l-attivitajiet li jifdal.

---

<sup>1</sup>Ir-Regolament (UE) 1381/2013 tas-17 ta’ Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta’ Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013).

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq is-sejbiet tal-evalwazzjoni<sup>2</sup> li ħejjiet il-Kummissjoni Ewropea bis-sostenn ta' kuntrattur.

## 1. INTRODUZZJONI U SFOND

Il-Programm REC tal-2014-2020 issostitwixxa l-programmi fis-seħħ fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, jiġifieri l-programm Daphne III, il-programm tad-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza u tnejn mill-oqsma ta' politika tal-programm progress<sup>3</sup>, jiġifieri "l-antidiskriminazzjoni" u "l-ugwaljanza bejn il-ġeneri".

Il-Programm REC ġie stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Ir-Regolament jistabbilixxi l-**objettiv ġenerali** tiegħu bħala:

- li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju, fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni kif stabbiliti fit-TUE, fit-TFUE, fil-Karta u fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-Unjoni aderiet għalihom, ikunu promossi, protetti u implimentati b'mod effettiv.

L-**objettivi speċifiċi** tiegħu huma:

- li jippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba s-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali, u li jiġi rispettat il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fuq il-bażi prevista fl-Artikolu 21 tal-Karta;
- li jipprevjeni u jiġġieled ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza;
- li jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet ta' persuni b' diżabbiltà;
- li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u jtejjeb l-integrazzjoni bejn is-sessi;
- li jipprevjeni u jiġġieled kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza kontra gruppi oħra f'riskju;
- li jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet tat-tfal;
- li jikkontribwixxi fl-iżgurar tal-ogħla livell ta' protezzjoni tal-privatezza u d-*data* personali;
- li jippromwovi u jsaħħaħ l-eżerċizzju tad-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE;
- li jagħti s-setgħa lill-individwi fil-kapaċità tagħhom ta' konsumaturi jew intraprendituri fis-suq intern biex jinfurzew id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mil-liġi tal-Unjoni, wara li jikkunsidraw il-proġetti ffinanzjati taħt il-programm tal-konsumatur.

---

<sup>2</sup> Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm ta' drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza 2014-2020.

<sup>3</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2015), evalwazzjoni *ex post* tal-ħames programmi implimentati fl-ambitu tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 – ir-rapport finali. L-evalwazzjoni tal-programm speċifiku: Il-programm Daphne,

[http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost\\_evaluations\\_2007\\_2013/daphne\\_programme\\_evaluation\\_final\\_report.pdf](http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/daphne_programme_evaluation_final_report.pdf); L-evalwazzjoni tal-programm speċifiku: Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza,

[http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost\\_evaluations\\_2007\\_2013/frc\\_programme\\_evaluation\\_final\\_report.pdf](http://ec.europa.eu/justice/grants1/files/expost_evaluations_2007_2013/frc_programme_evaluation_final_report.pdf); evalwazzjoni *ex post* tal-programm għall-impjiegi u s-solidarjetà soċjali – PROGRESS 2007-2013 u r-rakkomandazzjonijiet għall-programmi suċċessuri għal PROGRESS 2014-2020

<http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=12610&langId=en>.

Il-programm huwa implimentat mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' ġestjoni diretta.

F'termini ta' **kopertura ġeografika**, l-Istati Membri kollha tal-UE kienu eliġibbli biex jipparteċipaw fil-programm u, għal ċerti objettivi, il-Liechtenstein, l-Iżlanda u s-Serbja kienu eliġibbli wkoll.

## **2. ELEMENTI EWLENIN U IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM**

F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament, il-**programm appoġġa firxa wiesgħa ta' attivitajiet** fosthom attivitajiet analitiċi, taġġlim reċiproku, kooperazzjoni, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u disseminazzjoni, attivitajiet ta' taħriġ, l-iżvilupp ta' għodod bħal pakketti/materjali/kurrikuli ta' taħriġ u azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-objettivi speċifiċi tiegħu. Il-programm appoġġa **organizzazzjonijiet** attivi fil-qasam tad-drittijiet soċjali u fundamentali madwar l-Ewropa, fosthom: networks Ewropej; organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati, li normalment ma jkunux orjentati lejn il-profitt; awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri tal-UE; organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; u organizzazzjonijiet internazzjonali.

Il-pubbliku ġenerali fil-pajjiżi parteċipanti huwa wkoll **grupp fil-mira** (gruppi li jibbenefikaw jew direttament, billi jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-programm, jew indirettament, mill-programm li qed jiġi implimentat), peress li l-objettivi u l-inizjattivi tal-programm għandhom l-għan li jippromwovu, jipproteġu u jimplimentaw b'mod effettiv l-ugwaljanza u d-drittijiet tan-nies, b'mod partikolari nies li jiffaċċaw diskriminazzjoni, intolleranza jew vjolenza, inklużi l-migranti u l-minoranzi.

Kif previst mir-Regolament, il-programm juża għotjiet għal azzjoni, għotjiet operattivi u azzjonijiet ta' akkwist bħala l-mekkaniżmi prinċipali tal-finanzjament.

### **2.1. L-objettivi speċifiċi tal-programm**

#### ***Objettiv speċifiku 1: Li jippromovi n-nondiskriminazzjoni***

Il-Programm appoġġa proġetti għall-prevenzjoni u l-ġlieda tad-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. Qasam partikolarment ewlieni fi ħdan dan l-objettiv huwa l-promozzjoni tal-integrazzjoni tar-Rom. F'dan ir-rigward, il-Programm REC appoġġa l-pjattaformi nazzjonali tar-Rom u ħadem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE u l-punti ta' kuntatt nazzjonali taġġhom għar-Rom u mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili attivi li jaħdmu fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tar-Rom. Il-programm iffinanzja wkoll l-attivitajiet tan-network Ewropew għall-korpi tal-ugwaljanza. Il-kompitu ewlieni ta' dan in-network huwa t-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar suġġetti relatati man-nondiskriminazzjoni bejn il-korpi nazzjonali tal-ugwaljanza maħtura mill-Istati Membri.

#### ***Objettiv speċifiku 2: Li jipprevjeni u jiġġieled ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza***

Il-proġetti ffinanzjati f'dan il-qasam ikkontribwew għall-implimentazzjoni aħjar tal-leġislazzjoni eżistenti tal-UE fl-Istati Membri u għall-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda u l-inċitament għall-mibegħda. B'mod partikolari, l-attivitajiet iffinanzjati appoġġaw il-protezzjoni tal-minoranzi miż-żieda fil-populiżmu, l-estremiżmu u l-intolleranza.

#### ***Objettiv speċifiku 3: Li jippromwovi d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà***

L-għan operazzjonali ta' dan l-objettiv speċifiku huwa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni u titjieb l-implimentazzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà billi jitnaqqsu l-ostakli għas-sehem

sħiħ tagħhom fis-soċjetà u għat-tgawdija tad-drittijiet tagħhom. Dan sar l-aktar permezz tal-għotjiet operattivi li jappoġġaw l-attivitajiet ta' networks fuq livell Ewropew li jippromwovu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u permezz ta' attivitajiet ta' akkwist li jiffukaw fuq il-ġbir tad-*data*, it-taħriġ u l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni. Il-programm ta' ħidma annwali tal-2014 appoġġa t-tnedija tal-Karta tad-Diżabbiltà tal-UE sabiex ikun iffaċilitat l-ivvjaġġar transfruntier għall-persuni b'diżabbiltà.

***Objettiv speċifiku 4: Li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel***

Il-programm ippromwova proġetti ta' appoġġ għall-pajjiżi parteċipanti u għall-partijiet ikkonċernati rilevanti biex itejbu l-bilanċ bejn il-ġeneri fl-isferi kollha tal-ħajja, speċjalment fit-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, u biex jippromwovu l-indipendenza ekonomika ugwali tan-nisa u tal-irġiel. Il-finanzjament taħt dan l-objettiv iffoka wkoll fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet bejn il-ġeneri fil-pagi, fil-qligħ u fil-pensjonijiet.

***Objettiv speċifiku 5: Li jipprevjeni u jiġġieled kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza kontra gruppi oħra f'riskju***

Il-programm iffinanzja primarjament proġetti li jgħinu fil-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi tal-vjolenza, bħan-nisa u t-tfal, kif ukoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' prevenzjoni tal-vjolenza, filwaqt li involva lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq il-post. Huwa appoġġa wkoll it-trattament tal-awturi tal-vjolenza. It-tisħiħ tas-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal hija waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni u l-Programm appoġġa d-drittijiet tat-tfal migranti billi ffinanzja organizzazzjonijiet internazzjonali li jaħdmu direttament għal dawn it-tfal kif ukoll magħhom.

***Objettiv speċifiku 6: Li jippromwovi d-drittijiet tat-tfal***

Id-drittijiet tat-tfal jingħataw promozzjoni permezz ta' proġetti li jiffukaw fuq il-ġustizzja li tieħu ħsieb l-interessi tat-tfal u fuq il-protezzjoni tat-tfal vulnerabbli (bħat-tfal li joħorġu mis-sistemi ta' foster care u tfal f'kunflitt mal-liġi), billi jingħata appoġġ għal attivitajiet ta' taħriġ għall-impjegati taċ-ċivil, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u avukati li jaħdmu magħhom.

***Objettiv speċifiku 7: Li jipproteġi l-privatezza u d-*data* personali***

Il-programm huwa s-sors ewlieni ta' finanzjament tal-UE fir-rigward tal-protezzjoni tad-*data*. L-attivitajiet imwettqin f'dan l-objettiv speċifiku kienu marbutin bil-qawwi mar-riforma tal-protezzjoni tad-*data*, adottata fl-2016. Bis-saħħa ta' dan l-objettiv, il-programm iffinanzja attivitajiet biex jappoġġa, b'mod partikolari, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* u t-taħriġ tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u tal-uffiċjali tal-protezzjoni tad-*data*.

***Objettiv speċifiku 8: Iċ-ċittadinanza tal-UE***

Il-programm iffinanzja proġetti, b'mod partikolari attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, biex jappoġġaw l-inklużjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-ħajja ċivika u politika tal-UE. Dawn inkludew proġetti biex jgħinu liċ-ċittadini jsiru aktar konxji tad-drittijiet tagħhom li ġejjin miċ-ċittadinanza tal-UE. Il-kampanji ta' informazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE kienu ffinanzjati skont dan l-objettiv speċifiku, b'attenzjoni partikolari fuq id-drittijiet elettorali, fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019.

***Objettiv speċifiku 9: Id-drittijiet tal-konsumaturi jew tal-intraprendituri***

Il-programm iffinanzja wkoll attivitajiet li jappoġġaw lill-individwi fil-kapaċità tagħhom bħala konsumaturi jew intraprendituri fis-suq intern sabiex jinfurzaw id-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mid-dritt tal-UE. Il-fondi tal-UE f'dan il-qasam għandhom l-għan li jgħinu biex jiżiedu l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi, b'mod speċjali fis-suq diġitali.

## 2.2. Baġit

It-tabella 1 hawn taħt turi l-allokkazzjonijiet annwali tal-baġit, li jammontaw għal EUR 426.8 m għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu. L-ammonti żdiedu kull sena minn EUR 54.2 miljun fl-2014 għal EUR 67.9 miljun fl-2020.

**Tabella 1. Ammont tal-baġit ippjanat skont is-sena**

Sena finanzjarja	Ammont ippjanat (EUR)	Żieda annwali (%)
2014	54 158 000	-
2015	56 323 637	4.0%
2016	58 852 000	4.5%
2017	62 515 000	6.2%
2018	62 282 000	-0.4%
2019	64 771 000	4.0%
2020	67 913 000	4.9%
<b>Total</b>	<b>426 814 637</b>	

Sors: programmi ta' ħidma annwali 2014-2020

L-akbar proporzjon tal-baġit tal-programm (25%) ġie allokat għall-oġġettiv speċifiku “li jipprevjeni l-vjolenza (Daphne)”. L-oġġettiv speċifiku bit-tieni l-akbar allokkazzjoni baġitarja kien li jippromwovi n-nondiskriminazzjoni (22%). Id-distribuzzjoni sħiħa hija disponibbli fit-tabella 2 hawn taħt.

**Tabella 2. Oġġettivi speċifiċi u l-ammonti ppjanati**

Oġġettiv Speċifiku	Baġit (EUR)	Sehem
Li jipprevjeni l-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażaġh u n-nisa, kif ukoll il-vjolenza kontra gruppi oħra friskju (Daphne)	109 835 157	25.73%
Li jippromwovi n-nondiskriminazzjoni	93 294 280	21.86%
Li jipprevjeni u jiġġieled ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-omofobija u forom oħra ta' intolleranza	56 321 000	13.20%
Li jippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u l-integrazzjoni bejn is-sessi	50 066 000	11.73%
Li jippromwovi d-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà	44 034 000	10.32%
Li jippromwovi d-drittijiet tat-tfal	31 740 200	7.44%
Li jippromwovi d-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE	19 571 000	4.59%
Li jiżgura l-ogħla livell ta' protezzjoni tad-data	11 783 000	2.76%
Li jinforza d-drittijiet tal-konsumatur	10 170 000	2.38%
<b>Total</b>	<b>426 814 637</b>	<b>100%</b>


Sors: il-programmi ta' ħidma annwali 2014-2020

## 2.3. Implimentazzjoni

Total ta' **81 sejħa għal proposti** kienu ppjanati fil-perjodu 2014-2020. L-akbar għadd ta' dawn is-sejħiet kopra l-oġġettiv speċifiku “li jipprevjeni l-vjolenza (Daphne)”, bi 18-il sejħa. Peress li l-oġġettiv speċifiku dwar id-“drittijiet tal-konsumaturi” ġie ffinanzjat permezz tal-akkwist pubbliku biss, ma kien hemm l-ebda sejħa għal proposti relatata miegħu. Kumplessivament, ingħataw **942 għotja għal azzjoni u għotja operattiva** matul il-perjodu kollu tal-programm.

L-akbar proporzjon ta' attivitajiet iffinanzjati minn proġetti REC bejn l-2016 u l-2020 jista' jiġi kklassifikat bħala “attivitajiet ta' taħriġ” (35%).

## Illustrazzjoni 1. Tipi ta' attivitajiet iffinanzjati skont is-sena (2016–2020)<sup>4</sup>



*Nota: L-assi vertikali jkejjel l-għadd ta' attivitajiet. Il-proġetti jistgħu jiġu assenjati għal aktar minn tip wieħed ta' attività. Id-data qabel l-introduzzjoni tal-għotjiet elettroniċi fl-2016 kienet f'format differenti u ma setgħetx tintuża għal din l-analiżi.*

*Sors: Dokumenti tal-proġetti mid-DĠ JUST (Għotjiet għal azzjoni u Għotjiet operattivi).*

L-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-benefiċjarji fil-perjodu 2016-2020 (57%).<sup>5</sup>

L-akkwist kien mekkaniżmu importanti ta' finanzjament għal għadd ta' objettivi speċifiċi, li ammontaw għal total ta' **345 kuntratt** matul il-perjodu kollu. “Ir-razziżmu u forom oħra ta' intolleranza” kien l-objettiv speċifiku li uża l-aktar din l-opzjoni ta' finanzjament, b'112-il kuntratt ta' akkwist pubbliku matul il-perjodu.

B'kollox, ġew allokat madwar **EUR 81 miljun** għal kuntratti ta' akkwist pubbliku u servizzi. L-aktar tip komuni ta' akkwist kien għal attivitajiet analitiċi u ta' monitoraġġ.

Skont id-data miġbura, fl-2014-2015 l-aktar grupp fil-mira tal-appoġġ kien iż-żgħażaġh (inklużi t-fal), segwiti min-nisa u l-istudenti. Fl-2016-2020, il-granularità tal-gruppi fil-mira żdiedet u l-professjonisti saru l-aktar grupp fil-mira tal-appoġġ, segwit min-nisa u t-fal. Gruppi sinifikanti oħrajn huma ċ-ċittadini tal-UE, iż-żgħażaġh u l-komunitajiet.

### 2.4. Il-kisbiet ewlenin tal-programm

L-introduzzjoni ta' sistema ta' indikaturi għall-programm REC kienet utli biex jitkejlu l-kisbiet tiegħu. L-Artikolu 14 tar-Regolament REC jelenka l-indikaturi li jservu bħala bażi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Id-data miġbura mir-rapporti tal-proġetti turi li bejn l-2016 u l-2020, mill-inqas **80 miljun ruħ** intlaħqu permezz ta' kampanji ta' informazzjoni u disseminazzjoni jew hađu sehem f'avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni. Din iċ-ċifra tinkludi diversi gruppi fil-mira, li l-aktar numeruż fosthom huwa l-pubbliku ġenerali (madwar 46 miljun); segwit miċ-ċittadini tal-UE (madwar 19-il miljun); in-nisa (madwar 4 miljuni); u l-komunità xjentifika, is-soċjetà ċivili, dawk li jfasslu l-politika, il-media (madwar 3 miljuni); individwi li jappartjenu għall-komunità LGBT (madwar miljun) u li jirrappreżentaw negozji/kumpaniji (madwar miljun).

Barra minn hekk, madwar **85 000 individwu** hađu sehem f'avvenimenti ta' skambju u tagħlim reċiproku, u mill-inqas **1.5 miljun individwu** hađu sehem f'aktivitajiet ta' taħriġ.

Abbażi tal-evidenza disponibbli, **iż-żieda fl-għarfien u s-sensibilizzazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u tal-benefiċjarji aħħarin** hija bil-bosta l-aktar riżultat irrappurtat, imsemmi minn **78% tal-proġetti** li kien disponibbli rapport tekniku għalihom. Dan huwa konformi

<sup>4</sup> Id-data għall-2014-2015 mhix disponibbli.

<sup>5</sup> Id-data għall-2014-2015 mhix disponibbli.

mal-loġika ta' intervent tal-programm: huwa għandu l-għan li jwassal għal bidla fl-imgħiba fis-soċjetà, li s-sensibilizzazzjoni hija kruċjali għaliha.

**645 għodda u mekkaniżmu transfruntiera** komplew wara li ntemmu l-proġetti, inklużi gruppi konsultattivi formali, memoranda ta' kooperazzjoni/ftehimiet ta' kooperazzjoni, u networks.

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tiegħu, il-programm REC irċieva għadd kbir ta' applikazzjonijiet (4 903). Waslu madwar ħames applikazzjonijiet għal kull għotja mogħtija. Kumplessivament, **ir-rata medja ta' suċċess li wieħed jirċievi għotja fil-programm REC kienet ta' 17%**. Il-proġetti ma tqassmux b'mod ugwali fost l-Istati Membri. Ir-raġuni ewlenija għal dan hija li xi pajjiżi ppreżentaw għadd partikolarment kbir ta' applikazzjonijiet. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-għotjiet operattivi, li prinċipalment jiffinanzjaw networks mifruxin mal-UE kollha, jiggarrantixxu kopertura ġeografika ġusta fil-livell tal-UE.

Flimkien mal-indikaturi stabbiliti fir-Regolament, ġew żviluppanti bosta indikaturi addizzjonali biex ikejlu l-kisbiet tal-programm.

Għalkemm s'issa *d-data* hija disponibbli parzjalment biss, il-kisba tal-miri tal-2020 għall-biċċa l-kbira tal-indikaturi fir-rigward tal-oġġettivi ġenerali tal-programm<sup>6</sup>, tidher diffiċli, minħabba li l-Ewropa qed toħroġ minn reċessjoni finanzjarja twila, aggravata fl-2020 mill-kriżi tal-COVID-19. Il-mira għall-indikatur dwar il-“persentaġġ ta' Ewropej li jqisu ruħhom bħala li għandhom informazzjoni “tajba” jew “tajba ħafna” dwar id-drittijiet li jgawdu minnhom bħala ċittadini tal-Unjoni” biss inkisbet, sew qabel l-2020.

Intużaw bosta indikaturi addizzjonali biex tiġi evalwata l-prestazzjoni tal-programm fil-livell tal-oġġettivi speċifiċi individwali. Id-*data* disponibbli s'issa turi li l-miri għal bosta indikaturi nkisbu jew inqabżu<sup>7</sup>.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni bażi, deskritta fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2011<sup>8</sup> u l-evalwazzjoni *ex post* tal-2015 tat-tliet programmi predeċessuri (Daphne III, id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza u l-progress)<sup>9</sup>, l-evidenza turi li kważi d-diffikultajiet kollha identifikati f'dak iż-żmien ġew meġħluba fil-programm REC, ħlief għall-iżbilanċ ġeografiku persistenti.

### 3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONI

#### 3.1. Effettività

Abbażi tal-evidenza kwalitattiva miġbura, l-implimentazzjoni tal-programm REC kienet effettiva u kkontribwiet għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali tiegħu. B'mod partikolari, is-suċċess tagħha kien dovut għall-**kwalità tal-biċċa l-kbira tal-proġetti**, li ppermettiet l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet immirati bħal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, taħriġ u korsijiet ta' taħriġ, pubblikazzjoni ta' materjali, riċerka u *data* rilevanti. Kemm ir-riċerka

<sup>6</sup> Li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri ta' spazju, fejn l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-persuni (kif stabbiliti fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fil-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li l-UE aderiet għalihom), ikunu promossi, protetti u implimentati b'mod effettiv.

<sup>7</sup> Bħal “Sehem tal-popolazzjoni li jqisu ruħhom bħala li għandhom informazzjoni “tajba” jew “tajba ħafna” dwar id-drittijiet li jgawdu minnhom bħala ċittadini tal-Unjoni”, “Livell ta' fiduċja tal-konsumatur fix-xiri transfruntier”, “Perċentwal ta' persuni li jqisu li l-vjolenza domestika kontra n-nisa hija inaċċettabbli”.

<sup>8</sup> SEC(2011) 1364 Final, ibid.

<sup>9</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2015), evalwazzjoni *ex post* tal-ħames programmi implimentati fl-ambitu tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 – ir-rapport finali ibid.

bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni kif ukoll il-ħidma fuq il-post juru li **kważi l-proġetti ffinalizzati kollha kisbu r-riżultati mistennjin**.

L-attivitajiet u l-kisbiet tal-proġetti kollha fil-kampjun kienu direttament rilevanti għall-oġettivi speċifiċi tal-programm. B'mod ġenerali, l-evidenza miġbura tissuġġerixxi li l-programm REC ikkontribwixxa biex **jiżjed l-għarfien dwar id-dritt vinkolanti u mhux vinkolanti tal-UE**.

Interazzjoni kumplessa ta' fatturi interni u esterni appoġġat u xekklet it-twettiq tal-programm. Il-fatturi interni huma prinċipalment relatati ma' diffikultajiet marbutin mal-proċess ta' applikazzjoni, il-kapaċità interna tas-sħab tal-proġett, u t-tip u l-kwalità tal-konsorzju tal-proġett. Fatturi esterni komuni huma relatati mal-impatt ta' xokkijiet esterni bħall-pandemija tal-COVID-19 u l-isfida li l-entitajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati jkunu involuti fl-attivitajiet ippjanati.

L-analiżi sabet li l-fatturi ta' suċċess fil-proġetti REC jinkludu l-kwalità tas-sħubijiet, li jlaqqgħu flimkien organizzazzjonijiet b'għarfien espert komplementari, li jkopru ħliet maniġerjali u ta' koordinazzjoni b'esperjenza ta' ħidma ma' gruppi fil-mira fuq il-post. Element ieħor ta' suċċess huwa l-kapaċità tal-proġetti li jiksbu l-għanijiet tas-sejthiet filwaqt li jaħdmu wkoll biex jinkisbu l-istrateġiji fit-tul tal-organizzazzjonijiet implimentattivi.

### 3.2. Effiċjenza

L-evidenza kwalitattiva eżistenti turi li **l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-proġetti jegħlbu l-kostijiet** u, f'dan is-sens, inkisbet l-effiċjenza. Madankollu, il-kostijiet marbutin mal-piż amministrattiv għadhom jitqiesu bħala kwistjoni mill-benefiċjarji, speċjalment fir-rigward tal-proċeduri ta' applikazzjoni u rappurtar. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-benefiċjarji identifikaw il-piż amministrattiv bħala komponent importanti tal-kost, huma rrikonoxxew ukoll li rekwiżiti amministrattivi ta' piż huma leġittimi meta jkunu involuti t-trasparenza u l-ekwità fl-użu tal-finanzjament pubbliku.

**Il-kostijiet amministrattivi tal-REC huma perċepiti li bħala medja huma ogħla** meta mqabblin ma' alternattivi oħrajn mhux tal-UE jew ma' programmi nazzjonali. L-istrumenti ta' finanzjament nazzjonali u internazzjonali jitqiesu li huma inqas esiġenti f'dak li għandu x'jaqsam mar-rekwiżiti ta' applikazzjoni u ta' rappurtar.

F'termini ta' **benefiċċji**, il-programm REC joffri l-possibbiltà ta' ħidma fuq livell transnazzjonali, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u l-bini ta' relazzjonijiet mas-sħab tal-konsorzju u t-tiżiħ tal-kapaċità interna u l-għarfien espert. Hemm ukoll gwadanji intanġibbli bħal reputazzjoni aħjar u **żieda fl-affidabbiltà tal-organizzazzjoni tagħhom** b'riżultat tal-parteċipazzjoni fi proġetti ffinanzjati mill-UE.

L-evalwazzjoni identifikat **infiq inqas milli bbaġitjat fi 82% tal-proġetti** fil-kampjun. Filwaqt li l-infiq inqas milli bbaġitjat huwa komuni fil-kampjun analizzat, il-biċċa l-kbira tal-proġetti intervistati rrappurtaw infiq ta' madwar 10-12% inqas milli bbaġitjat, li kien prinċipalment attribwit għat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-waqfien konsegwenti tal-laqqgħat u l-attivitajiet li jeħtieġu preżenza fiżika, li wassal għal iffrankar f'termini ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għal-laqqgħat fiżiċi, is-sessjonijiet ta' ħidma u avvenimenti oħrajn.

Meta mqabbel mal-predeċessuri tiegħu, kien hemm titjib fl-adozzjoni/pubblikazzjoni fil-pront tas-sejthiet ippubblikati taħt il-programm REC u l-prevedibbiltà tagħhom. L-informazzjoni miġbura permezz ta' intervisti ma' benefiċjarji rikorrenti turi li **l-amalgamazzjoni tal-programmi predeċessuri ssimplifikat b'mod konsiderevoli l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' implimentazzjoni**.

### 3.3. Rilevanza

Il-**ħtiġijiet** identifikati fiż-żmien li ġie adottat ir-regolament tal-programm REC **għadhom rilevanti** biex jiġi żgurat li l-ugwaljanza u d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u strumenti legalment vinkolanti oħrajn ikomplu jiġu promossi madwar l-UE. Barra minn hekk, il-programm kompli jadatta għall-emerġenza ta' ħtiġijiet u theddidiet ġodda, bħaż-żieda fl-inċitament għall-mibegħda.

L-analiżi kkonfermat ukoll li l-azzjonijiet implimentati taħt il-programm REC huma rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tiegħu, bħat-titjib tal-bażi tal-għarfien, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki permezz ta' tagħlim reċiproku, il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ strutturali għal strutturi organizzattivi speċifiċi. Barra minn hekk, il-programm kien rilevanti biex ikun immirat lejn il-benefiċjarji finali intenzjonati – fl-aħħar mill-aħħar, il-pubbliku tal-UE. Dan ġie kkonfermat permezz ta' bosta linji ta' evidenza ta' evalwazzjoni, bħall-analiżi tal-estrazzjoni tat-test, kampjunar ta' proġetti u konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

F'termini tal-kapaċità tal-programm li jagħżel l-aktar benefiċjarji rilevanti, ġew identifikati żewġ tipi ta' benefiċjarji bħala partikolarment rilevanti iżda b'inqas probabbiltà li jkunu involuti: (i) l-awtoritajiet pubbliċi, li għalihom l-ostakli għall-parteċipazzjoni huma prinċipalment traċċabbli għal nuqqas ta' kapaċità amministrattiva u riżorsi umani ddedikati; (ii) organizzazzjonijiet ta' bażi żgħar, li għalihom il-proċess ta' applikazzjoni huwa kumpless ħafna u r-rekwiżit li jiġi żgurat il-kofinanzjament huwa ta' sfida.

### 3.4. Koerenza

Fil-programm REC, is-sejthiet għall-proposti huma ggwidati mill-iżviluppi strateġiċi speċifiċi u mill-prijoritajiet tal-UE. B'dan il-mod, il-programm REC aġixxa bħala ħolqa fost il-prijoritajiet tal-UE, f'konformità u f'koerenza ma' inizjattivi oħrajn tal-UE, bħall-aġenda tal-ġustizzja tal-UE għall-2020, l-impenn strateġiku 2016-2020 għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-istrateġija Ewropea dwar id-diżabilità 2010-2020, il-lista ta' azzjonijiet mill-Kummissjoni biex tavvanza l-ugwaljanza tal-LGBTI, u l-qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020. L-analiżi tindika wkoll ċertu livell ta' koerenza mal-politiki nazzjonali u l-iżviluppi fil-livell tal-proġetti.

### 3.5. Valur miżjud tal-UE

Il-valur miżjud tal-UE tal-programm REC ġie vvalutat skont l-erba' kriterji li ġejjin:

- 1) l-appoġġ għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u s-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet li jirriżultaw minnu;
- 2) iż-żieda tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u l-kooperazzjoni transfruntiera;
- 3) l-iżvilupp u t-tixrid ta' l-aħjar prattiki;
- 4) il-ħolqien ta' standards, għodod prattiki u soluzzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi madwar l-UE kollha.

Il-programm irnexxa f'dawn l-aspetti kollha, bis-saħħa tan-natura transnazzjonali tiegħu. L-analiżi identifikat elementi addizzjonali tal-valur miżjud tal-UE tal-programm:

- Dan jirrappreżenta sors importanti ta' finanzjament, li jippermetti lill-benefiċjarji jimplementaw proġetti addizzjonali li jindirizzaw l-isfidi li l-programm REC ġie stabbilit biex jindirizza.
- Ir-riċeviment ta' finanzjament mill-UE u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet taħt il-kappa tal-programm REC kellhom konsegwenzi pożittivi għall-proġetti f'termini ta' titjib fir-reputazzjoni u żieda fil-viżibbiltà li l-ebda input nazzjonali ma kienu ikun jista' jiżviluppa.

- Il-programm REC kien mutur importanti għall-innovazzjoni, peress li f'it hemm finanzjament nazzjonali disponibbli għall-ittestjar ta' azzjonijiet innovattivi u transnazzjonali.
- Il-programm REC iġġenera scope effect<sup>10</sup>, billi wessa' l-azzjonijiet implimentati mill-benefiċjarji b'mod li diffiċilment jista' jiġi sostnut mill-interventi fil-livell nazzjonali.

Il-benefiċjarji jinnotaw li l-kooperazzjoni transfruntiera u s-sħubijiet u n-networks transnazzjonali, u t-tagħlim reċiproku fost is-sħab huma riżultati ewlenin tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm. Id-dimensjoni transnazzjonali hija partikolarment evidenti għall-benefiċjarji ta' għotjiet operattivi, minħabba l-mandat Ewropew tagħhom; l-attivitajiet tagħhom ma setgħux jiġu żviluppatti b'mod simili permezz ta' finanzjament nazzjonali jew mhux tal-UE.

### 3.6. Ekwiżità

Ir-riżorsi u l-appoġġ tal-programm REC **ma tqassmox b'mod ugwali fost il-pajjiżi parteċipanti**, u d-distribuzzjoni tar-riżorsi tal-REC iffukat fuq għadd żgħir ta' pajjiżi — prinċipalment l-Italja, il-Belġju, il-Greċja u Spanja, minn fejn l-applikanti japplikaw l-aktar ta' spiss. Madankollu, din l-istampa tinbidel ladarba titqies il-popolazzjoni tal-pajjiżi parteċipanti, peress li xi pajjiżi iżgħar għandhom għadd kbir ta' benefiċjarji meta mqabbla mal-popolazzjoni tagħhom (eż. Malta u Ċipru). Barra minn hekk, kien hemm livell pjuttost għoli ta' parteċipazzjoni fir-Rumanija u l-Bulgarija.

B'mod ġenerali, il-finanzjament iprogrammat jilħaq **gruppi fil-mira differenti b'mod ekwu**, minkejja l-konċentrazzjoni tar-riżorsi tal-programm REC fuq tliet objettivi speċifiċi. Ħafna drabi l-istess gruppi fil-mira kienu fil-mira ta' objettivi speċifiċi differenti.

Ammont sinifikanti ta' riżorsi finanzjarji kienu ddedikati għall-promozzjoni tal-prijoritajiet trażversali tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, id-drittijiet tat-tfal u d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà. Fil-fażi ta' implimentazzjoni, is-sejthiet għall-proposti li ffukaw fuq il-ġeneru, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà u d-drittijiet tat-tfal kienu fil-biċċa l-kbira daww organizzati taħt l-objettivi speċifiċi rilevanti. Filwaqt li hemm għarfien tajjeb tal-importanza tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, hemm nuqqas ġenerali ta' għarfien ta' prattiki tajba fost il-proġetti approvati tal-REC dwar l-aħjar approċċi biex tiġi indirizzata l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri f'attivitajiet iffinanzjati barra minn proġetti ddedikati. Il-benefiċjarji għandhom diffikultà biex jifformulaw perspettiva tal-ġeneru meta jiżviluppaw l-applikazzjoni tagħhom.

### 3.7. Simplifikazzjoni

Is-sistema introdotta reċentement għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet (il-portal tal-finanzjament u s-sejthiet għall-offerti) issimplifikat il-proċess tal-applikazzjoni u tejbet il-ġbir u l-aggregazzjoni tad-*data* tal-monitoraġġ. Il-benefiċjarji ġeneralment jivvalutaw b'mod pożittiv l-għodod il-ġodda tal-IT żviluppatti għall-applikazzjoni u għall-ġestjoni tal-għotjiet u jħossu li dawn l-għodod huma effettivi u faċli biex tużahom. It-tendenza lejn żieda fid-diġitalizzazzjoni hija kjarment meqjusa bħala żvilupp pożittiv, għalkemm xorta jista' jkun hemm lok għal aktar simplifikazzjoni tal-proċess, b'mod partikolari fir-rigward tal-piż amministrattiv rigward id-dokumentazzjoni meħtieġa mill-applikanti.

<sup>10</sup> Scope effect tfisser "it-twessigħ tal-azzjonijiet eżistenti billi jiġu appoġġati gruppi jew oqsma ta' politika illi kieku ma kinux jirċievu tali appoġġ".

#### 4. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

Il-Programm REC 2014-2020 tnieda meta l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja kienu wasslu għal tnaqqis ġenerali fl-ammont ta' finanzjament u riżorsi nazzjonali disponibbli għal kwistjonijiet soċjali u tad-drittijiet. F'dan il-kuntest politiku u ekonomiku negattiv ħafna, il-programm wera **l-valur miżjud tal-UE tiegħu u r-rwol kruċjali tiegħu fl-iżvilupp ta' żona Ewropea ta' ugwajanza u drittijiet**.

Il-programm REC **għadu rilevanti** għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tal-partijiet ikkonċernati u tal-pubbliku tal-UE. Dan ġie żgurat permezz **tan-natura ta' programmazzjoni flessibbli** tiegħu, inkluża l-prijoritizzazzjoni annwali tal-ħtiġijiet u l-kwistjonijiet ta' politika emerġenti, u d-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kumplessivament, abbażi tal-evidenza kwalitattiva miġbura, l-implimentazzjoni tal-programm REC kienet **effettiva u kkontribwiet għall-kisba tal-oġġettivi ġenerali**. B'mod partikolari, dan kien dovut għall-**kwalità tal-biċċa l-kbira tal-proġetti** implimentati bil-finanzjament tal-REC, li ppermetta l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti, direttament **rilevanti għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu fuq il-post**.

Kemm ir-riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni kif ukoll dik fuq il-ħidma fuq il-post irnexxew sew fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ippjanati u **kważi l-proġetti ffinalizzati kollha kisbu r-riżultati mistennijin**.

L-evidenza kwalitattiva miġbura mill-istudju tissuġġerixxi li **l-benefiċċji tal-programm REC jegħlbu l-kostijiet**.

Fir-rigward tas-sitwazzjoni bażi, deskritta fil-valutazzjoni tal-impatt tal-2011<sup>11</sup> u l-evalwazzjoni *ex post* tal-2015 tat-tliet programmi predeċessuri (Daphne III, id-drittijiet fundamentali u ċ-ċittadinanza u l-progress)<sup>12</sup>, l-evidenza tal-evalwazzjoni turi li kważi d-diffikultajiet kollha identifikati f'dak iż-żmien ġew meġhluha fil-programm REC, ħliet għall-iżbilanċ ġeografiku persistenti.

L-evalwazzjoni identifikat ukoll għadd ta' tagħlimiet li qed jiġu indirizzati għas-suċċessur tal-programm REC, il-programm CERV, b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żvilupp qafas ta' monitoraġġ aktar robust li jiġbor b'mod sistematiku informazzjoni dwar l-outputs u r-riżultati miksubin, biex jiġu kkunsidrati miżuri ulterjuri biex jittejjeb il-bilanċ ġeografiku, biex jiġi applikat approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-applikanti u l-benefiċjarji u biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.

---

<sup>11</sup> SEC(2011) 1364 Final, ibid.

<sup>12</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2015), evalwazzjoni *ex post* tal-ħames programmi implimentati fl-ambitu tal-perspettiva finanzjarja 2007-2013 – ir-rapport finali ibid.